## MARK 10:23-31 U L-GĦANA

1. Mark 10:23-29 – Meta ż-żagħżugħ għani (Matt. 19:16) telaq Ġesù kien imnikket. Hu u l-anġli fis-sema jifirħu meta midneb jindem. Huma kienu mnikkta speċjalment meta ż-żagħżugħ kien qrib ħafna għas-saltna imma huwa dar lura mill-verità.
2. Ġesù dar fuq id-dixxipli Tiegħu biex jara l-effett fuqhom bla dubju li huma kellhom u biex jippreparahom għall-verità li Hu ried li jenfasizza minn dan l-eżempju. (v. 23).
3. Hu qal li huwa iebes għall-għonja li jidħlu fis-saltna ta' Alla." Dan ifisser li, taħt ir-regola jew il-liġi ta' Alla huwa diffiċli għas-sinjuri minħabba li l-għana jew il-ġid jaħkmu fuq l-affezzjonijiet tagħhom li ma jħalluhomx jagħmlu ħwejjeġ oħra ħlief dawk li huma (l-għana u l-ġid) jitolbu minnhom. Huma ma jkollomx ħin biex jaqdu lil Alla ħlief biex jaqdu lilhom.
4. Għalihom il-**prijorità** hija l-ġid tagħhom u kif se jkomplu jżiduh u mhux Alla!
5. V. 26 – "Huma stagħġbu wisq aktar" għaliex xi wħud minnhom kellhom proprjetà, u huma ħasbu li dak li qal Ġesù kien neħħihom barra.
6. Imma dawk li diġa' huma sinjuri mhumiex dawk biss li jinsabu f'dan il-periklu. Dawk li għandhom ir-*regħba għall-flus* jinsabu fl-istess periklu (1 Timotju 6:9).
7. V. 25 – Kienu ħafna l-interpretazzjonijiet għal dan il-vers imma dak li Ġesù ried iwassal huwa li kien impossibbli għal raġel għani li jsalva billi l-fiduċja tiegħu kienet fil-ġid tiegħu u f'xejn aktar, u li ma kienx lest li jobdi lil Ġesù minħabba l-ġid tiegħu, daqs kemm ġemel (ħaġa goffa) jista' jgħaddi minn għajn ta' labra.
8. It-tagħlima li Ġesù ried iwassal hija sempliċi: ***X'inhi l-prijorità tiegħek?***
    a. Iż-żagħżugħ kien għani, għalhekk Ġesù uża l-għana.
    b. Illum hawn min jippreferi jmur jonsob milli jattendi għas-servizz ta' qima fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Hawn min jippreferi li jmur jara logħba futbol milli jmur jagħti qima lil Alla. Hawm min jippreferi jibqa' d-dar biex jara xi program fuq it-televiżjoni mlli jmur jagħti qima lil Alla. Ukoll hawn min jippreferi li jmur jara t-tiġrijiet taż-żwiemel milli jmur għas-servizz ta' qima lil Alla l-istess kif hawn min jippreferi li jmur jistad u mhux imur jaqdi dmiru lejn Alla ħalli jagħtih il-qima li tixraqlu fil-jum tal-Ħadd. U wieħed jista' jsemmi kull delizzju ieħor li hawn. It-tweġiba ta' Ġesù tkun l-istess, imma minflok il-ġid Ġesù japplika l-insib, Ġesù japplika l-futbol, it-tiġrijiet taż-żwiemel, eċċ. għaliex il-**prijorità** ta' dik il-persuna hija l-insib jew it-tiġrijiet taż-żwiemel u mhux il-Mulej.
    c. L-istess japplika għal kull delizzju ieħor.
    d. Hawn min mhuwiex sinjur imma xorta jippreferi li jmur il-baħar milli jattendi għall-qima lill-Mulej.
9. Kristu ma kkundannax l-għana imma "*l-imħabba* għall-flus" (1 Timotju 6:10).
10. V. 26 – "Mela min jista' jsalva?" Biċ-ċar l-appostli fehmu dan li japplika għal klassijiet kollha tan-nies u mhux għas-sinjuri biss.

11. Xi wħud japplikawha għal dawk li huma sinjuri ħafna u jaħsbu li din ma tapplikax għalihom.
12. Wieħed li jħallas żewġ liri biex jara logħba futbol fil-jum tal-Ħadd minflok ma jattendi għall-qima lil Mulej ifixkel l-ubbidjenza tiegħu lejn Alla l-istess daqs kemm wieħed li jkun moħħu fil-flus u li ma jkollux ċans għall-qima. It-tnejn naqsu milli jattendu!
13. Ukoll wieħed li jħobb il-ġid tiegħu u jagħmel idolu minnhom u ieħor li jkun jixtieq ħafna li jkun sinjur dawn jinsabu fl-istess sitwazzjoni.
14. V. 27 – Għan-nies influwenzati bid-dinja dan jidher li huwa impossibbli, jiġifieri, li wieħed jippreferi li jaqdi lil Alla qabel il-ġid tad-dinja. Imma għal Alla kollox jista' jkun. Alla, permezz tal-Kelma tiegħu, iwassalna biex aħna nifhmu li l-prijorità tagħna għandna tkun lejn Alla.
15. Ma jfissirx li wieħed ikun sinjur dan qiegħed jagħmel xi dnub. Abraham kien sinjur. Mattew ċertament li ma kienx fqir u lanqas Pietru u Żakkew. Imma huma wżaw il-ġid tagħhom biex isalvaw u jgħinu oħrajn fil-bżonnijiet tagħhom.
16. V. 28. – Dan il-vers huwa wżat minn xi wħud (u mill-Kattoliċi) billi jgħidu li Pietru "ħalla kollox" biex imur wara Kristu, wkoll lil martu.
    a. Dan huwa qerq kbir. Immaġina li Pietru jħalli lil martu u mbagħad jikteb dwar l-irġiel miżżewġa: "*Intom ukoll, irġiel,* ***għammru bil-għaqal*** *man-nisa tagħkom; agħtuhom il-ġieh li ħaqqhom, kemm għax huma aktar dgħajfa minnkom u kemm għax huma wkoll imsejħa għall-grazzja tal-ħajja. Hekk ma ssibux tfixkil fit-talb tagħkom.*" (1 Pietru 3:7)
    b. "X'ġieh jista' r-raġel jagħtiha lil martu jekk ir-raġel iħalli lil martu?
    c. Kif jistgħu jitolbu flimkien jekk ma jkunux flimkien?
    d. Żgur li Pietru kien imur kontra l-Kelma ta' Alla li kieku ħalla lil martu għaliex Alla jgħid li "…r-raġel m'għandux iwarrab lil martu" (1 Korintin 7:11).
17. It-tagħlima kollha ta' versi 29-32 hija li kull wieħed għandu jifli lilu nnifsu jew lilha nfisha u jara x'inhi **l-prijorità** tiegħu jew tagħha. Ġesù mhwiex qiegħed jgħid li aħna għandna nabbandunaw il-familji tagħna, imma qiegħed jgħid li wkoll il-**prijorità** tagħna għandha tkun lejn Alla qabel il-familja tagħna! Li wieħed ma jieħux ħsieb il-familja tiegħu huwa dnub. (1 Korintin 7:1-5; Efesin 5:21-33; 6:1-4; Kolossin 3:18-21; Pietru 3:1-7).
18. Ġesù tkellem dwar il-familja fiżika (v. 29) u l-familja spiritwali (v. 30).
19. V. 31 – Iż-żagħżugħ għani kien fost ta' l-ewwel fuq l-art (versi 16-20), imma issa hu fost ta' l-aħħar, u Mattija li kien fost ta' l-aħħar, li kien figura mhux magħrufa (Atti 2:21-23), ħa postu fost ta' l-ewwel.
20. Il-Lhud kienu jħarsu lejhom infushom bħala li huma kienu l-ewwel u aktar qrib lejn is-saltna tas-smewwiet, imma minħabba n-nuqas ta' fedeltà tagħhom huma tilfu bħala nazzjon.
21. U l-Ġentili, li l-Lhud kienu jħarsu lejhom bħala klieb, u l-aktar il-bogħod mis-smewwiet, ikun l-ewwel, minħabba l-konverżjoni u l-fidi tagħhom fi Kristu.